

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 314/2004**
tad-19 ta' Frar 2004
dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigwar taż-Żimbabwe
 (ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/2004 ta' l-20 ta' Awwissu 2004	L 327M	114	5.12.2008
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2005 tal-15 ta' Ġunju 2005	L 327M	391	5.12.2008
► <u>M3</u>	Commission Regulation (EC) No 1272/2005 of 1 August 2005 (*)	L 201	40	2.8.2005
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1367/2005 tad-19 ta' Awwissu 2005	L 348M	260	24.12.2008
► <u>M5</u>	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
► <u>M6</u>	Commission Regulation (EC) No 236/2007 of 2 March 2007 (*)	L 66	14	6.3.2007
► <u>M7</u>	Commission Regulation (EC) No 412/2007 of 16 April 2007 (*)	L 101	6	18.4.2007
► <u>M8</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2007 tat-2 ta' Lulju 2007	L 173	3	3.7.2007
► <u>M9</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 702/2008 tat-23 ta' Lulju 2008	L 195	19	24.7.2008
► <u>M10</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1226/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008	L 331	11	10.12.2008
► <u>M11</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 77/2009 tas-26 ta' Jannar 2009	L 23	5	27.1.2009
► <u>M12</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2010 tal-25 ta' Frar 2010	L 51	13	2.3.2010
► <u>M13</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 174/2011 tat-23 ta' Frar 2011	L 49	23	24.2.2011
► <u>M14</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 151/2012 tal-21 ta' Frar 2012	L 49	2	22.2.2012
► <u>M15</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 145/2013 tad-19 ta' Frar 2013	L 47	63	20.2.2013

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 46, 17.2.2009, p. 79 (77/2009)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 66 (1488/2004)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 71M, 17.3.2009, p. 241 (898/2005)
- **C4** Emendi, Ġ.U. L 75, 21.3.2009, p. 28 (77/2009)
- **C5** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 179 (1367/2005)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti



IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 314/2004

tad-19 ta' Frar 2004

dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigwar taż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/161/PESK tad-19 ta' Frar 2004 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Permezz tal-Posizzjoni Komuni 2002/145/PESK tat-18 ta' Frar 2002 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ⁽²⁾, il-Kunsill esprima tħassib serju dwar is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe u b'mod partikolari dwar il-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem mill-Gvern taż-Żimbabwe, li jinkludu vjolazzjonijiet fil-libertà ta' l-opinjoni, ta' l-assoċjazzjoni u ta' assemblea paċifika. F'dan ir-rigward, huwa impona ċertu miżuri restrittivi, li jiġu reveduti kull sena. Xi miżuri restrittivi imposti kontra ż-Żimbabwe ġew implimentati fuq il-livell tal-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 310/2002 ⁽³⁾. Il-perjodu għall-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ġie estiż għall-20 ta' Frar 2004 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 313/2003 ⁽⁴⁾.
- (2) Il-Kunsill jibqa' jikkonsidra li madankollu l-Gvern taż-Żimbabwe għadu jwettaq vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, sakemm jibqgħu l-vjolazzjonijiet, il-Kunsill jara li hu neċessarju li jżomm il-miżuri restrittivi kontra il-Gvern taż-Żimbabwe u dawk responsabbli għall-dawn il-vjolazzjonijiet.
- (3) Għalhekk, il-Posizzjoni Komuni 2004/161/PESK tipprovdi tiġdid tal-miżuri restrittivi previsti mill-Posizzjonji Komuni 2002/145/PESK.

⁽¹⁾ ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

⁽²⁾ ĠU L 50, tal-21.2.2002, p. 1. Posizzjoni Komuni kif emendat l-aħħar mill-Posizzjoni Komuni 2003/115/PESK (ĠU L 46, ta' 1-20.2.2003, p. 30).

⁽³⁾ ĠU L 50, tal-21.2.2002, p. 4. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) No 743/2003 (ĠU L 106, tad-29.4.2003, p. 18).

⁽⁴⁾ ĠU L 46, 20.2.2003, p. 6.

▼ B

- (4) Il-miżuri restrittivi provduti mill-Posizzjoni Komuni 2004/161/PESK jinkludu, *inter alia*, projbizzjoni fuq assistenza teknika, ifffinanzjar u assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' apparat li jista' jintuża għar-repressjoni interna, u l-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi tal-membri tal-Gvern taż-Żimbabwe u ta' kull persuna naturali jew ġuridika, entitajiet jew istituzzjonijiet assoċjati magħhom.
- (5) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt l-iskop tat-Trattat u, għalhekk, biex tiġi evitata kull distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-liġi tal-Komunità hija neċessarja biex jiġu implimentati safejn għandha x'taqsam il-Komunità. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità huwa meqjus li jinkludi it-territorji ta' l-Istati Membri fejn japplika t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat.
- (6) Huwa mixtieq li d-disposizzjonijiet dwar il-projbizzjoni fuq assistenza teknika, ifffinanzjar u assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, u dawk dwar l-iffriżar tal-fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi jittieħdu fl-istess linja tal-prattika riċenti.
- (7) Dan ir-Regolament jemenda u jestendi l-miżuri restrittivi li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 30/2002, li għandu jieħu post immedjatament wara li dan ta' l-aħħar jiskadi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

- (a) “assistenza teknika” tfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u li jista' jiġi f'forma ta' istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni ta' konoxxenza tax-xogħol jew kapaċitajiet jew servizzi ta' konsulenza; l-assistenza teknika tinkudi assistenza f'forma verbali;
- (b) “fondi” tfisser assi finanzjari u kull tip ta' benefiċċji li jinkludu, imma mhux limitata għal:
- (i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, *drafts*, *money orders* u strumenti ta' ħlas oħra;
 - (ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra, bilanċ fuq kontijiet, djun u obligazzjonijiet ta' dejn;
 - (iii) sigurtajiet negozjati pubblikament u privatament u strumenti ta' dejn, li jinkludu titoli u ishma, ċertifikati li jirrapreżentaw sigurtajiet, *bonds*, noti, digrieti, obligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;

▼B

- (iv) interessi, dividendi jew dħul ieħor fuq jew l-akkumulazzjoni tal-valur minn jew prodotti minn assi;
- (v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji ta' eżekuzzjoni jew obbligazzjonijiet finanzjarju oħra;
- (vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, karti ta' bejgħ;
- (vii) dokumenti li jixhdu interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;
- (viii) kull strument għall-finanzjament ta' l-esportazzjoni;
- (ċ) “iffriżar tal-fondi” tfisser li ma jitħalla l-ebda mossa, trasferiment, alterazzjoni, użu ta, aċċess għall-, jew innegozjar ta' fondi bl-ebda mod li jirriżulta f'kull bidla fil-volum, ammont, posizzjoni, propjetà, pussess, karattru, destinazzjoni jew bidla oħra li tipermetti li l-fondi jintużaw, kif ukoll l-amministrazzjoni tal-portafolli;
- (d) “riżorsi ekonomiċi” tfisser assi ta' kull tip, sew jekk huma tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi imma jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;
- (e) “iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi” tfisser li l-użu tagħhom ma titħallix biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi bl-ebda mod, u jinkludi, imma mhux limitata għall-, bejgħ, kiri jew ipotekar tagħhom.

Artikolu 2

Għandu jiġi projbit:

- (a) l-għoti, l-bejgħ, il-provvista jew it-trasferiment ta' assistenza teknika relatati ma' attivitajiet militari u mall-provvista, fabbrikazzjoni, manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, li jinkludi armi u munizzjon, vetturi militari u makkinarju, apparat paramilitari, u partijiet ta' dawn imsemmija qabel li jistgħu jinbidlu, dirett jew indirett ma' kull persuna, entità jew korp ġewwa, jew għall-użu fiż-Żimbabwe;
- (b) l-iffinanzjar jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari li partikolarment jinkludu għotjiet, self jew esportazzjoni ta' kreditu assigurati, għal kull bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi jew materjal relatat, dirett jew indirett ma' kull persuna, entità jew korp ġewwa, jew għall-użu fiż-Żimbabwe;
- (ċ) il-parteciċipazzjoni, b'intenzjoni, f'attivitajiet liema skop jew effett, dirett jew indirett, jippromwovi l-operazzjonijiet msemmija f'punti (a) jew (b).

Artikolu 3

Għandu jiġi projbit:

- (a) il-bejgħ, il-provvista, t-trasferiment jew l-esportazzjoni intenzjonali, dirett jew indirett, ta' apparat li jista' jintuża għar-ripressjoni interna kif imsemmija fl-Anness I, kemm jekk oriġinata jew le fil-Komunità, lil kull persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp ġewwa, jew għall-użu fiż-Żimbabwe;

▼B

- (b) l-għoti, l-bejgħ, il-provvista jew it-trasferiment ta' assistenza teknika relatat ma' l-apparat imsejjaħ f'punt (a), lil kull persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp ġewwa, jew għall-użu fiż-Żimbabwe;
- (c) il-provvista, dirett jew indiretta, ta' ffinanzjar jew assistenza finanzjarja relatata ma' l-apparat imsemmi fil-punt (a), lil kull persuna naturali jew ġuridika, entità jew korp ġewwa, jew għall-użu fiż-Żimbabwe;
- (d) il-parteciġazzjoni, bl-għarfien u l-intenzjoni, f'attivitajiet li l-iskop jew l-effett, dirett jew indirett, u li jippromwovi l-operazzjonijiet msemmija f'punti (a), (b) jew (c).

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2 u 3 l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kif imniżżla fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw:

- (a) il-provvista ta' finanzi u assistenza finanzjarja u assistenza teknika relatat ma':
 - (i) apparat militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew għall-programmi ta' żvilupp istituzzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u il-Komunità;
 - (ii) materjal maħsub għall-operazzjonijiet għall-ġestjoni ta' kriżi għall-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti;
- (b) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' apparat imniżżel fl-Anness I maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, u il-provvista ta' assistenza finanzjarja, iffinanzjar u assistenza teknika relatata ma' dawn l-operazzjonijiet.

2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għall-attivitajiet li sehew.

Artikolu 5

L-Artikoli 2 u 3 ma japplikawx għall-ilbies protettiv, li jinkludi ġġieket tqal għall-protezzjoni rinfurzati bil-metall (*flak jackets*) u elmi militari, esportati temporarjament lejn iż-Żimbabwe minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal ta' l-Unjoni Ewropea, tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-*media* u ħaddiema f'xogħol umanitarju u ta' żvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali biss.

Artikolu 6

1. Il-fondi u ir-riżorsi ekonomiċi kollha, li jappartjenu lil membri individwali tal-Gvern taż-Żimbabwe jew lil persuni naturali jew ġuridiċi, entitajiet jew istituzzjonijiet assoċjati magħhom kif elenkati fl-Anness III għandhom jiġu ffriżati.

▼B

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament lil jew għall-benefiċju ta' persuni naturali jew Ġuridiċi, enitattajiet jew istituzzjonijiet kif elenkat fl-Anness III.

3. Il-parteċipazzjoni, b'intenzjoni, fattivitajiet liema skop jew effett, dirett jew indirett, jipprovvovi l-operazzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 jew 2 huma proġbiti.

Artikolu 7

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kif inniżzla fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi jew iqiegħdu għad-disposizzjoni ċertu fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi, bil-kondizzjonijiet meqjusa xierqa, wara li jddeterminaw li il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi miftiehma huma:

- (a) neċessarji għall-spejjeż bażiċi, li jinkludu pagamenti għall-ikel, kera jew ipoteka, mediċina jew trattament mediku, taxxi, premji ta' assigurazzjoni u ħlasijiet għall-utilità pubblika;
- (b) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' ħlas professjonali raġonevoli u r-rimborż ta' flus li ntefqu li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;
- (ċ) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' ħlas jew ħlas għall-servizzi għaż-żamma tar-rutina jew manteniment tal-fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) neċessarji għall-spejjeż kbar, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti rilevanti tinnotifika mill-anqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni bir-raġunijiet li tikkonsidra li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha u l-Kummissjoni.

L-awtorità kompetenti rilevanti għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

2. L-Artikolu 6(2) ma japplikax għaż-żieda ta' kontijiet friżati ta':

- (a) interessi jew qligħ fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) pagamenti dovuti għall-kuntratti, arranġamenti jew obligazzjonijiet li ġew konklużi jew tqajmu Qabel id-data li dawk il-kontijiet ġew soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 310/2002 jew dan ir-Regolament,

iżda li kull interess, qligħ ieħor jew pagamenti jibqgħu soġġetti għall-Artikolu 6(1).

Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar rappurtaġġ, riservatezza u sigriet professjonali u għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 284 tat-Trattat, persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

- (a) immedjatament ifornu kull informazzjoni li tiffaċilita l-osservanza ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti iffriżati skond l-Artikolu 6, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri inniżzla fl-Anness II fejn huma residenti jew qegħdin, u għandhom jittrasmettu din l-informazzjoni, direttament jew minn dawn l-awtoritajiet kompetenti, għall-Kummissjoni;

▼B

- (b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti mniżżla fl-Anness II għal kull verifikazzjoni ta' din l-informazzjoni.
2. Kull informazzjoni oħra li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha tkun disponnibli għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati.
3. Kull informazzjoni provduta jew irċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-iskopijiet għal liema ġiet ipprovduta jew irċevuta.

Artikolu 9

L-iffriżar tal-fondi u riżorsi ekonomiċi jew fondi mhux disponnibli, imwettaq bi skop tajjeb bil-prinċipju li din l-azzjoni hija skond dan ir-Regolament, m'għandu jkun il-kawża ta' l-ebda responsabbiltà fuq il-parti tal-persuna naturali jew ġuridika jew entita li qiegħda timplementah, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħha, kemm il-darba jkun hemm provi li l-fondi u riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati b'konsegwenza ta' negliġenża.

Artikolu 10

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom immedjatament jinforumaw lil xulxin dwar il-miżuri li jittieħdu taħt dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin kull informazzjoni rilevanti għad-disposizzjoni tagħhom relatat ma dan ir-Regolament, partikolarment informazzjoni li tirrigwardja problemi ta' vjolazzjoni u infurzar u sentenzi mgħotija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex:

- (a) temenda l-Anness II skond informazzjoni provduta mill-Istati Membri;
- (b) temenda l-Anness III skond deċiżjonijiet meħuda skond l-Anness għall-Posizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regolamenti fuq sanzjonijiet għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jassiguraw li jkunu ġew implimentati. Is-sanzjonijiet provvduti irridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważiv. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lil Kummissjoni b'dawn ir-regolamenti mingħajr dewmien wara id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha sussegwentament b'kull emenda.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jkun japplika:

- (a) fi ħdan it-territorju tal-Komunità, li jinkludi l-ispazju ta' l-ajru;
- (b) abbord kull inġenji ta' l-ajru jew kull bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (ċ) għal kull persuna ġewwa jew barra mit-territorju tal-Komunità li huwa ċittadin ta' Stat Membru;

▼B

- (d) għal kull persuna ġuridika, grupp jew entita li hija inkorporata jew ikkostitwita taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kull persuna ġuridika, grupp jew entita li qegħda fil-kummerċ ġewwa il-Komunità.

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Frar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ B

ANNEX I

Lista ta' apparat li jista' jintuża għar-repressjoni interna msemmi fl-Artikolu 3

Il-lista f'hawn taħt ma tinkludix l-oġġetti li huma maħsuba jew modifikati b'mod speċjali għall-użu militari.

1. Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika, elmi għal kontra ir-rivelli, tarki għal kontra ir-rivelli u tarki ballistiċi u komponenti maħsuba b'mod speċjali għal-hekk.
2. Apparat maħsub b'mod speċjali għall-marka ta' swaba.
3. Serċlajt li jaħdmu bl-elettriku.
4. Apparat tal-kostruzzjoni li jipprovdi protezzjoni ballistika.
5. Skieken tal-kaċċa.
6. Apparat maħsuba b'mod speċjali biex jagħmlu is-senters.
7. Apparat għall-tqegħid manwali ta' l-munizzjon.
8. Strumenti li jinterċettaw l-komunikazzjoni.
9. Ditekters ottiċi solidi.
10. Tubi li jintensifikaw l-immagħni.
11. Lentijiet teleskopiċi ta' armi.
12. Armi *smooth-bore* u munizzjon relatat, minbarra dawk maħsuba b'mod speċjali għall-użu militari, u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk, minbarra:
 - pistoli tas-sinjali,
 - xkubetti ta' l-arja u kkargati bl-iskrataċ maħsuba bħala għodda industrijali jew li jistordu l-annimali b'mod uman.
13. Simulaturi għall-taħriġ fl-użu ta' armi u komponenti u aċċessorji maħsuba jew modifikati b'mod speċjali għalhekk.
14. Bombi u granati, minbarra dawk li huma maħsuba b'mod speċjali għall-użu militari, u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk.
15. Armatura tal-ġisem, minbarra dak fabbrikat għall-istandards jew speċifikazzjonijiet militari, u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk.
16. Vetturi bl-utilità ta' l-*all-wheel-drive* li huma kapaċi jintużaw f'*off-road*, li ġew fabbrikati jew armata bi protezzjoni ballistika, u armatura magħmula għal dawn il-vetturi.
17. Kanun ta' l-ilma u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk.
18. Vetturi mgħammra b'kanun ta' l-ilma.
19. Vetturi maħsuba u modifikat b'mod speċjali biex ikunu eletticizzati biex ireġġgħu fruntieri u komponenti maħsuba u modifikata b'mod speċjali għal dan il-għan.
20. Strumenti akustiċi preżentati mill-fabbrikant jew l-fornitur li huma adattati għall-kontroll ta' rivelli, u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk.
21. Manetti tas-saqajn, ktajjen tal-grupp, manetti u ċinturini għax-xokkijiet elettriċi, maħsuba b'mod speċjali biex irażżnu lill-bnedmin; minbarra:
 - manetti li d-daqs massimu tagħhom jinkludi katina li mhix aktar minn 240 mm meta tissakkar.

▼B

22. Strumenti li jistgħu jinġarru maħsuba u modifikati b'mod speċjali għall-kontroll tar-rivelli jew protezzjoni personali bl-amministrazzjoni ta' sustanza inkapaċitanti (bħal gass tad-dmugħ jew sprej tal-bżar), u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk.
23. Strumenti li jistgħu jinġarru maħsuba u modifikati b'mod speċjali għall-kontroll tar-rivelli jew protezzjoni personali bl-amministrazzjoni ta' xokk elettriku (li jinkludu lmbiebet li jagħtu xokkijiet elettriċi, targe li jagħtu xokkijiet elettriċi, xkubetti biex tbeżża', u xkubetti li jifgħu xokkijiet elettriċi (*tasers*)) u komponenti li għalhekk huma maħsuba u modifikati b'mod speċjali għal dan il-għan.
24. Apparat elettroniku kapaċi li josserva splussiv moħbi u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk, minbarra:
 - Apparat b'ispezzjoni TV jew raġġi-X.
25. Apparat elettroniku li jibblokka, maħsub b'mod speċjali biex ma titħallix l-isplużjoni qawwija kontrollata minn kontroll mill-bogħod trasmess bir-radju ta' strumenti improvizzati u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk.
26. Apparat u strumenti maħsuba b'mod speċjali biex jibdeu splużjonijiet b'mezzi ta' l-elettriku jew mhux ta' l-elettriku; li jinkludu sparer irranġat, detonaturi, apparat li jikkaġuna ark elettriku (*igniters*), büsters (boosters) u ħabel tad-detonazzjoni, u komponenti maħsuba b'mod speċjali għalhekk; minbarra:
 - dawk maħsuba b'mod speċjali għall-użu speċifiku kummerċjali li jikkonsisti mill-attwazzjoni jew l-operazzjoni b'mezzi splussivi ta' apparat jew strumenti oħra liema funzjoni mhix li toħloq splużjonijiet (eż. neffieħ ta' l-*air-bag* tal-karozzi, *electric-surge-arresters* li jazzjonaw il-bexxiexa ta' kontra n-nar).
27. Apparat u strumenti maħsuba għall-kontroll ta' artillerija splussiva; minbarra:
 - kutri għall-użu mal-bombi,
 - kontenituri maħsuba għall-oġġetti li jingħalqu li huma magħrufa li huma jew suspettati li jkunu strumenti splussivi improvizzati.
28. Apparat għall-vista ta' bil-lejl u għall-immaġni termali u tubi li jittensifikaw l-immaġni jew *sensors* solidi.
29. *Software* u teknoloġija maħsuba b'mod speċjali u ta' bżonn għall-punti mniżżla kollha.
30. Splussiv li jisplodi b'mod lineari.
31. Splussiv u sustanzi relatati kif ġejjin:
 - amatol,
 - nitroċelluloża (li għandu aktar minn 12,5 % nitroġenu),
 - nitroglycol,
 - pentaerythritol tetranitrate (PETN),
 - picryl chloride,
 - tinitorphenylmethylnitramine (tetryl),
 - 2,4,6-trinitrotoluene (TNT).
32. *Software* u teknoloġija maħsuba b'mod speċjali għall-punti mniżżla kollha.

▼ **M15***ANNEX II***Websajts għal tagħrif dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl- Artikoli 4, 7 u 8 u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**

IL-BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

IL-BULGARIJA

<http://www.mfa.bg/en/pages/135/index.html>

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

ID-DANIMARKA

<http://um.dk/da/politik-og-diplomati/retsorden/sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html>

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

<http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519>

IL-GREĊJA

<http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

L-ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

IL-LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

IL-LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

L-UNGHERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

▼ **M15**

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-vrede-en-veiligheid/sancties

L-AWSTRJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

IL-PORTUGALL

<http://www.min-nestrangeiros.pt>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/node/1548>

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

IL-FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet>

L-ISVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

IR-RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

Is-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI)

EEAS 02/309

B-1049 Brussels

Belgium

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu

▼ **M14**

ANNEX III

Lista ta' persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 6

I. Persuni

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(1)	Mugabe, Robert Gabriel	President, imwieled fil-21.2.1924; Passaport AD001095.	Kap tal-Gvern u responsabbli għal attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
(2)	Abu Basutu, Titus Mehliswa Johna	Ġeneral tal-Korpi tal-Ajru, in-Nofsinhar ta' Matebeleland. Imwieled fit-2.6.1956	Uffiċjal militari anzjan, involut direttament fil-kampanja ta' terror imwettqa qabel u matul l-elezzjonijiet fiż-żona ta' Gwanda. Deputat għall-Marixall tal-Ajru Perence Shiri (100 fuq il-lista).
(3)	Bonyongwe, Happyton Mabhuya	Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Ċentrali tas-Servizzi Sigrieti, imwieled fis-6.11.1960; Passaport: AD002214; ID: 63-374707A13	Membru anzjan tas-sigurtà assoċjat mill-qrib mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF (Zimbabwe African National Union – Patriotic Front) u kompliċi fil-formazzjoni jew it-tmexxija tal-politika ripressiva tal-istat. Akkużat bil-ħtif, it-tortura u l-qtil ta' attivisti tal-MDC (Moviment għall-Bidla Demokratika) f'Ġunju 2008.
(4)	Buka (magħruf ukoll bħala Bhuka), Flora	Uffiċċju tal-President (eks-Ministru tal-Istat għall-Affarjiet Speċjali responsabbli għall-Programmi tal-Artijiet u r-Riokkupazzjoni, eks-Ministru tal-Istat fl-uffiċċju tal-Viċi President u eks-Ministru tal-Istat għar-Riforma tal-Artijiet fl-Uffiċċju tal-President), imwiela fil-25.2.1968.	Ministru tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Viċi President Nkomo Responsabbli għall-organizzazzjoni ta' vjolenza fiż-żona ta' Gokwe u l-immirar tal-mexxejja tal-MDC fl-2008.
(5)	Bvudzijena, Wayne	Assistent Kummissarju tal-Pulizija, Kelliem għall-Pulizija; Imwieled fil-24.04.1958. ID: 29-008792V71,	Membru anzjan tal-forza tal-pulizija. Kelliem għall-pulizija. Fl-2008 akkuża lill-MDC li ta kenn lil dawk responsabbli għall-vjolenza elettorali fil-kwartieri ġenerali provinċjali u nazzjonali tal-MDC.
▼ M15			
▼ M14			
(7)	Charamba, George	Segretarju Permanenti, Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Pubbliċità, imwieled fil-4.4.1963; Passaport AD002226; Passaport AD001255 ID: 07-003617B07	Impjegat anzjan tas-servizz ċivili assoċjat mill-qrib mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.

▼ **M14**

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(8)	Chidarikire, Faber Edmund	Gvernatur tal-Provinċja għall-Mashonaland tal-Punent, eks-Sindku ta' Chinhoyi, imwieled fis-6.6.1946; ID: 70-056539L70	Eks-sindku taż-ZANU-PF f'Chinoyi u gvernatur provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.

▼ **M15**

--	--	--	--

▼ **M14**

(10)	Chigwedere, Aeneas Soko	Gvernatur tal-Provinċja: Il-Lvant ta' Mashonaland, eks-Ministru, imwieled fil-25.11.1939. .ID 25-15430J80	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
(11)	Chihota, Phineas	Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ Internazzjonali. Imwieled fit-23.11.1950.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Hedded partitarji tal-MDC bil-mewt u huwa assoċjat mas-sekwestru u t-tortura ta' nies f'Ġunju 2008.
(12)	Chihuri, Augustine	Kummissarju tal-Pulizija, imwieled fl-10.3.1953. Passaport AD000206. ID 68-034196M68	Uffiċjal anzjan tal-pulizija u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt, assoċjat mill-qrib mal-politiki ripressivi taż-ZANU-PF. Stqarr pubblikament li jappoġġa liż-ZANU-PF f'kontravvenzjoni tal-Att tal-Pulizija. F'Ġunju 2009 ordna lill-pulizija biex iwaqqgħu l-każijiet kollha relatati mal-qtil li twettaq fiż-żmien ta' qabel l-elezzjoni Presidenzjali ta' Ġunju 2008.
(13)	Chinamasa, Patrick Anthony	Ministru tal-Ġustizzja, l-Affarjiet Legali u Parlamentari, imwieled fil-25.1.1947. ID 63-005591M42.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
(14)	Chindori-Chininga, Edward Takaruza	Eks-Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieled fl-14.3.1955. Passaport AN388694. ID 63-377216C71.	Eks-membru tal-Gvern b'rabtiet attwali mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF bħala Membru tal-Parlament taż-ZANU-PF. Kmandant tal-bażijiet tal-milizja f'Guruve fiż-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet tal-2008.

▼ **M14**

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
(15)	Chinotimba, Joseph	Viċi-President taż-Zimbabwe National Liberation War Veterans Association, mexxej tal-milizja ZANU-PF. Imwielew fis-06.06.1957. ID 63-312672W11.	Matul l-elezzjonijiet tal-2008 Chinotimba mexxa grupp li qered id-dar ta' Admore Chibutu. Flimkien ma' membri tal-armata u partitarji taż-ZANU-PF huwa attakka d-dar ta' Tongeyi Jeremiah f'Mejju 2008.

▼ **M15**

--	--	--	--

▼ **M14**

(17)	Chipwere Augustine	Brigadier General, eks-Kurunell, in-Nofsinhar ta' Bindura	Involut direttament fil-kampanja ta' terror ta' qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Responsabbli għal taqlib politiku f'Bindura. Uffiċjal militari anzjan, promoss mill-President fl-2011.
(18)	Chiwenga, Constantine	Kmandant tal-Forzi ta' Difiża taż-Zimbabwe, General (eks-Kmandant tal-Armata, Logutenent General), imwielew fil-25.8.1956. Passaport AD000263. ID 63-327568M80	Membru tal-Kmand Operattiv Konġunt u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika ripressiva tal-istat. Uża l-armata għall-ħtif ta' azjendi agrikoli. Matul l-elezzjonijiet tal-2008 kien arkitett prim tal-vjolenza assoċjata mal-proċess taż-żmien ta' qabel l-elezzjoni Presidenzjali.
(19)	Chombo, Ignatius Morgan Chiminya	Ministru tal-Gvernijiet Lokali, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Iżvilupp Urban, imwielew fl-1.8.1952. Passaport AD000500. ID 70-086938D70.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u responsabbli għal ħidma li mminat lill-MDC fil-gvern lokali bir-restrizzjoni ta' finanzjament u b'molestja.
(20)	Dinha, Martin	Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland Ċentrali.	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. Involut fit-tfixkil ta' azjendi agrikoli fil-konċessjoni tal-villaġġ ta' Rockwood fl-2009.
(21)	Goche, Nicholas Tasunungurwa	Ministru tat-Trasport, tal-Komunikazzjoni u tal-Infrastruttura (eks-Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċċju tal-President), imwielew fl-1.8.1946. ID 63-355978S68	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Ġunju 2008 uża l-forza fuq l-NGOs kollha biex iwaqqfu x-xogħol tagħhom fuq il-post u d-distribuzzjoni tal-ikel. Responsabbli għall-bażi tal-milizja f'Shamva u implikat fi vjolenza fdik iż-żona.

▼ M14

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
